

Brussell, 8 ta' April 2019
(OR. en)

7978/19

COASI 50
ASIE 20
CFSP/PESC 243
CSDP/PSDC 160
RELEX 343
COTER 46
COHOM 44
CONUN 38
COHAFA 32
DEVGEN 73
MIGR 51
TRANS 262
WTO 109
COPS 108
POLMIL 40

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 8 ta' April 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8170/19

Suġġett: Proċess ta' Paċi fl-Afganistan
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' April 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fl-Afganistan, adottati mill-Kunsill fit-3684-il laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' April 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fl-Afganistan

Kunsill Affarjiet Barranin, 8 ta' April 2019

1. Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar l-Afganistan, b'mod partikolari dawk tad-19 ta' Novembru 2018, l-UE b'dan tafferma mill-ġdid l-impenn politiku tagħha u l-appoġġ fit-tul lill-poplu tal-Afganistan fi triqtu lejn il-paċi, is-sigurtà u l-prosperità.
2. L-UE thegġegħ lill-Gvern tal-Afganistan u lit-Taliban biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom lejn soluzzjoni paċifika u negozjata tal-kunflitt. L-UE tappoġġa l-isforzi kollha biex jiġi katalizzat it-tali proċess, li ħoloq opportunità politika li jenħtieġ li tiġi sfruttata.
3. Jenħtieġ li jibdwu mill-aktar fis possibbli n-negozjati diretti bejn l-Afgani, bil-Gvern tal-Afganistan u t-Taliban fil-qalba tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni inklużiv u mmexxi mill-Afgani u li jappartjeni għall-Afgani. L-UE tappoġġa bil-qawwa proċess li jirrispetta s-sovranità u l-indipendenza tal-Afganistan u d-dinjità tal-poplu tiegħu. L-UE tinsab lesta li tappoġġa l-proċess ta' paċi, inkluż l-implimentazzjoni tiegħu, bil-għan li tippreserva u tibni fuq il-kisbiet politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-poplu tal-Afganistan mill-2001, li jenħtieġ li jkun irriversibbli. Kwalunkwe ftehim ta' paċi fil-ġejjieni jrid ikun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha. L-UE tfaħħar lill-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan għall-impenn tagħha biex jinkisbu l-paċi u l-istabbiltà fl-Afganistan.

4. Il-proċess ta' paċi Afgan jeħtieġ l-appoġġ sħiħ u l-involviment kostruttiv tal-komunità internazzjonali kollha, b'mod partikolari l-partijiet ikkonċernati reġjonali u internazzjonali ewlenin. L-UE trid tkun assoċjata mill-bidu nett fl-istadji kollha tal-proċess ta' paċi. L-UE tikkonferma li hija lesta tappoġġa l-aspetti li ġejjin tal-proċess: biex tgħin sabiex ikun inklużiv il-proċess ta' paċi; biex tassisti fir-riformi, inkluż ir-riforma tas-settur tas-sigurtà; biex taġixxi bħala garanti ta' proċess ta' paċi, jekk mitluba mill-partijiet; biex tassisti fl-integrazzjoni mill-ġdid tal-ġellieda u l-familji tagħhom; u biex tippromwovi l-kummerċ u l-konnettività reġjonali. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni biex jimplementaw dawn l-azzjonijiet hekk kif jipprogrressa l-proċess ta' paċi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' r-rwol tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan.
5. Sabiex jipprovdi appoġġ sostanzjali għall-implimentazzjoni ta' ftehim ta' paċi u biex jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ta' rikostruzzjoni tal-pajjiż, il-Kunsill iqis li huwa importanti li ftehim ta' paċi jiġi nnegożjat b'mod inklużiv, jiġi approvat mill-Gvern tal-Afganistan u li (i) jimplika r-rinunzja tal-vjolenza; (ii) jilqa' għal kwalunkwe theddida ta' organizzazzjonijiet terroristiċi transnazzjonali li jaġixxu minn territorju Afgan; (iii) jaderixxi mal-istat tad-dritt u jirrispetta d-drittijiet universali tal-bniedem tal-Afgani kollha, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa, it-tfal u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, skont il-Karta tan-NU, id-dritt internazzjonali u kif minquxa fil-Kostituzzjoni Afgana; u (iv) jiżgura l-kontinwità tal-Istat Afgan, l-istituzzjonijiet tiegħu, l-ordni kostituzzjonali u l-obbligi internazzjonali tal-Afganistan, u jimplementa kwalunkwe tibdil f'dawn permezz ta' proċess leġittimu u inklużiv; u (v) jippermetti possibiltajiet biex tiġi żgurata r-responsabbiltà, inkluż permezz ta' ġustizzja tranżizzjonali, u biex jiġu indirizzati l-ilmenti tal-vittmi tal-kunflitt fl-Afganistan. L-UE hija lesta li tikkontribwixxi, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, għall-implimentazzjoni ta' soluzzjoni paċifika li tinkorpora dawn il-valuri u l-prinċipji.

6. F'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE ttenni l-importanza ta' parteċipazzjoni sinifikanti tan-nisa fl-inizjattivi kollha ta' paċi, inkluż in-negożjati ta' paċi formali u informali. Filwaqt li tirrikonoxxi l-kisbiet tal-aħħar 18-il sena u sabiex issaħħaħ is-sostenibbiltà ta' kwalunkwe soluzzjoni paċifika, l-UE hija impenjata li tappoġġa ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli kollha tas-soċjetà Afgana.
 7. L-UE ttenni l-importanza tal-Gvern tal-Afganistan u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jaħdmu lejn elezzjonijiet presidenzjali, tal-kunsill provinċjali u tal-kunsill distrettwali mtejbja, inklużivi, kredibbli u trasparenti fl-2019, li huma element essenzjali għal demokrazija u stabbiltà msaħħa fl-Afganistan, billi jiġu implimentati b'mod effettiv it-tagħlimiet meħuda mill-elezzjonijiet parlamentari tal-2018.
-